# Konklużjonijiet Prinċipali

## tal-Inkjesta *Egrant Inc.*

In segwitu għar-rapport tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 20 t'April 2017 li jgħid :

Illi illum 20 ta' April 2017, il-Kumissarju tal-Pulizija ircieva rapport minghand Dr. Edward Gatt LL.D u Dr. Pawlu Lia LL.D ghan-nom u in rapresentanza ta' l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, fejn dawn talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga allegazzjonijiet li saru mill-gurnalista Daphne Caruana Galizia fin-newsblog taghha f'artikolu intitolat *"Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc shares held far Michelle Muscat"*;

f'dan l-imsemmi artikolu, qed jigi allegat illi s-Sinjura Michelle Muscat hija l-*Ultimate Beneficial Owner* ta' Egrant Inc; u li l-Prim Ministru jew membri tal-familja tieghu jew *Politically-Exposed Persons* ohra (u cioe' John Dalli, Keith Schembri, u Konrad Mizzi) setghu kienu involuti f'xi forma ta' korruzzjoni, u/jew hasil ta' flus, u/jew transazjonijiet finanzjarji suspetti, provenjenti minn kontijiet ta' *Politically-Exposed Persons* mill-Azerbaijan, u dan tramite kontijiet fil-Pilatus Bank.

Illi dawn l-allegazzjonijiet serji jimminaw kemm l-amministrazzjoni tal-pajjiz, kif wkoll l-industrija finanzjarja ta' Malta;

Illi f'dan l-istadju l-Pulizija qieghdha titlob lill-Magistrat Inkwerenti sabiex tiftah inkjesta halli dawn l-allegazzjonijiet jigu investigati, anki bl-assistenza ta' esperti li jistghu jigu mahtura tul din l-investigazzjoni; u sabiex jigu ippriservati u analizati d-dokumenti kollha relativi ma' din l-investigazzjoni;

It-test ta' dan l-artiklu jaqra hekk :-

**Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc shares held for Michelle Muscat**

In the kitchen at the offices of Pilatus Bank in Ta' Xbiex, there is a safe in which certain files are kept, and also particular documents marked for extreme secrecy. The safe used to be in the bank CEO's office, but for some reason was moved to the kitchen.

In this safe, documents are held pertaining to Russian clients of the bank, and to Maltese PEP, including John Dalli, consultant to Prime Minister Muscat, and Keith Schembri, the Prime Minister's chief of staff, both of whom have accounts with the bank in their own personal names.

Dalli's account is not used much, but the Prime Minister's chief of staff uses his regularly and his statements show highly suspicious transactions involving people in Azerbaijan. This bank account is separate to the one held in the name of his once-secret Panama company, Tillgate Inc.

The safe in the kitchen at Pilatus Bank also contains the documents that answer the question which the whole of Malta has been asking this past year: who owns Egrant Inc, the third company Brian Tonna set up in Panama, for somebody so important that the name had to be given over Skype, rather than in an email as it was for Konrad Mizzi and Keith Schembri.

Those documents in the Pilatus Bank kitchen-safe are declarations of trust which show that shares in Egrant Inc are held by Mossack Fonseca nominees for "Mrs Michelle Muscat".

The declarations of trust were provided to the bank by Brian Tonna, as a prerequisite for opening an account for Egrant Inc, for which the identity of the ultimate beneficial owner is required. Mrs Muscat's name is also given on another document held in the bank's safe: the account opening form for Egrant Inc.

These documents have been scanned and uploaded to the cloud, for security purposes, by third parties so that they cannot be destroyed by the bank.

Dan l-artiklu kien preċedut minn ieħor li kien intitolat *US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc.*

It-test ta' dan l-artiklu huwa s-segwenti :

**US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc**

In March last year, Al Sahra FZCO – a company incorporated in Dubai's free zone – made a single payment transaction of US$1.017 million to Egrant Inc, a company incorporated in Panama in 2013.

The transaction, which was described as a "loan payment", was made from Al Sahra's account at Pilatus Bank in Malta, to an account which Egrant Inc holds with a bank in Dubai. This was not the only "loan payment" which Egrant Inc received from Al Sahra FZCO, but it was the largest single transaction. Other "loan payments" were of around US$100,000 each and made twice a week over several weeks in January, February and March last year.

The bank account opening form for Al Sahra FZCO at Pilatus Bank gives Leyla Aliyeva, daughter of Ilham Aliyev, ruler of Azerbaijan, as the ultimate beneficial owner of the company. Payment instructions for Al Sahra were given by Farnoush Farsian.

Egrant Inc also has an account at Pilatus Bank in Malta, but the money was – significantly – not paid into that account. It was moved out of the country.

The transaction was so large and raised so many questions that Pilatus Bank's US correspondent bank (it was a dollar transaction, and at the time the bank had two US correspondent banks) stopped it. After several days of negotiations, it went through.

> Until the payment was released, an employee at Nexia BT – which made the arrangements to set up Egrant Inc in Panama with Mossack Fonseca in 2013 – rang Pilatus Bank several times a day, every day, to check on progress and to chase it up.
>
> This website has the name of the employee, who left Nexia BT for other employment when the Panama Papers scandal broke worldwide the following month, but has not spoken to him.
>
> The Nexia BT employee who followed up on this banking transaction is the same one who submitted to Pilatus Bank the bank account opening forms for Egrant Inc and for Tillgate Inc (UBO Keith Schembri) and Hearnville Inc (UBO Konrad Mizzi), which also have accounts at Pilatus Bank in Malta.
>
> Like Egrant Inc, the other two companies have accounts at a bank in Dubai, too.

F'din l-inkjesta inġabret evidenza estensiva minn diversi sorsi li kienu jinkludu :

1. Dħul, perkwiżizzjoni, qbid u żamma ta' dokumenti stampati u diġitali mill-Uffiċini tad-Ditta Nexia BT kif ukoll tal-Bank Pilatus, kif ukoll ta' Brian Tonna u Karl Cini, nonche persuni oħra involuti fl-inkjesti in re Willerby (per Maġistrat Dottor Natasha Galea Sciberras) u in re Hillman (per Maġistrat Dottor Josette Demicoli).
2. Smiegħ ta' 477 testimonjanza ta' persuni involuti direttament jew indirettament mal-allegazzjonijiet meritu ta' din l-inkjesta, fosthom ix-xhieda prinċipali infushom – Daphne Caruana Galizia, Maria Efimova, Dr. Joseph Muscat, Michelle Muscat, Keith Schembri, Dr. Konrad

Mizzi, John Dalli, Brian Tonna, Karl Cini, Ali Sadr Hasheminejad, Hamidreza Ghanbari, Claude-Ann Sant Fournier, Antoniella Gauci, kif ukoll l-Awdituri tal-Bank Pilatus *KPMG, PWC* u *Deloitte Malta,* nonche xiehda oħra bħal Pierre Portelli li fornew informazzjoni utli għal din l-inkjesta. Dan minbarra x-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ogħola uffiċjali tal-Korp, kif ukoll dawk direttament involuti fl-investigazzjonijiet, l-informazzjoni miġjuba mill-eżekuzzjoni tal-ittri rogatorji, fosthom dawk mill-Panama fejn xehdu Jaqueline Alexander, Verna de Nelson, Luis Quiel kif ukoll Juergen Mossack, kif ukoll l-informazzjoni l-oħra kollha li tinsab inkluża f'dan il-*Proces Verbal.*

3. Talbiet għal evidenza bil-mezz t'ittri rogatorjali jew talbiet għal assistenza oħra lejn diversi pajjiżi li kellhom x'jaqsmu mal-allegazzjonijiet meritu ta' din l-inkjesta :
    a. Ir-Repubbblika tal-Panama;
    b. Ir-Renju tal-Belġju;
    c. L-Emirati Għarab Magħquda; u
    d. Ir-Repubbblika tal-Ġermanja – fil-forma ta' Mandat t'Investigazzjoni Ewropew.
    e. Stati Uniti tal-Amerika fil-forma ta' talba għal preservazzjoni ta' informazzjoni diġitali.

4. L-operat ta' esperti tekniċi maħtura fosthom : -

a. Esperti fil-ġbir, preservazzjoni u analiżi ta' data diġitali : Dr. Godwin Caruana, l-Ispettur Timothy Zammit u *Ansec IA Limited* tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit li ġabru u ppreservaw u ħadmu fuq id-data diġitali miġbura mill-Bank Pilatus u Nexia BT kif ukoll Karl Cini u Brian Tonna personalment, nonche l-kumpanija *MFSP Financial Management Limited* u Matthew Pace.
b. Esperti dwar is-*software* Bankarju *Oracle Flexcube Universal Banking System* li ħadmu fuq is-software bankarju tal-Bank Pilatus u kkonfermaw l-integrita tal-programm *Oracle Flexcube* użat mil-Bank Pilatus fl-operazzjonijiet tiegħu sa mill-ewwel jum tal-operazzjonijiet tiegħu il-quddiem u li l-informazzjoni li hemm kontenuta fl-istess *core banking system* hi ta min jorbot fuqha.
c. Il-*Forensic Accountant Miroslava Milenovic* li analizzat prinċipalment id-dokumenti stampati u l-informazzjoni bankarja meħuda mill-*core banking system* tal-Bank Pilatus, nonche d-dokumentazzjoni stampata elevata mingħand Nexia BT u l-kumpanija *MFSP Financial Management Limited* u Matthew Pace.
d. Il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* tal-Irlanda ta' Fuq, Renju Unit li analizzaw id-data diġitali elevata mingħand il-Bank Pilatus, Karl Cini, Brian Tonna, Nexia BT u l-kumpanija *MFSP Financial Management Limited* u Matthew Pace;
e. Il-*Forensic Digital Analyst* Elisabeth Briggs ta' *Key Forensic Services* ta' Coventry fl-Ingilterra, Renju Unit li analizzat il-kopji tad-*declarations*

*of trust* eżibiti fl-atti ta' din l-inkjesta minn Pierre Portelli flimkien ma dikjarazzjoni tiegħu u li wara li qablithom mal-firem oriġinali u awtentiċi ta' Jaqueline Alexander sabet li dawn ma kienux jaqblu mal-firem ta' Jaquneline Alexander.

f. L-Avukat mill-Panama Fernando Berguido li forna parir legali dwar il-Liġi li tirregola l-kumpaniji fil-Panama.

g. *Scene of Crime Officers* li ġabru footage minn CCTV cameras mill-MIA u mill-Bank Pilatus kif ukoll li ħadu diversi rittratti

Din l-evidenza diretta u *expertise* teknika waslet biex stabbiliet li kien hemm diversi punti li kienu jikkontrastaw serjament mal-allegazzjonijiet magħmula minn Daphne Caruana Galizia, b'mod partikolari dawk id-dettalji li kienu jistrieħu fuq l-istorja mistqarra lilha minn Maria Efimova nonche informazzjoni oħra li rriżulta li ġiet interpretata b'mod ħażin miġjuba minn leaks mill-*FIAU*.

Dwar dan ir-rapport imsejjes kif inhu fuq l-artikli ta' Daphne Caruana Galizia mistħarġa, mill-evidenza u mill-analiżi li saret mill-esperti maħtura, irriżulta pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li -

1. Ix-xiehda tal-impjegati tal-Bank Pilatus ma kienux kollha jaqblu dwar l-eżistenza ta' *safe* jew *filing cabinet* miżmum fil-kċina tal-Ufficini tal-Bank

Pilatus; iżda mill-assjem tal-provi miġbura jirriżulta li dan il-Bank kellu *filing cabinet,* magħruf ukoll minn bosta impjegati bħala *safe,* li kien jissakkar u li għal xi żmien, probabbilment kien fil-kċina. Fil-Bank Pilatus instabu diversi dokumenti li kienu jagħmlu riferenza għall-użu ta' *safe* u dwar il-kontenut tiegħu prinċipalment konsistenti f'dokumenti kunfidenzjali ta' klijenti importanti għal Bank, inkluż *PEP* Maltin.

2. Ma nstabu ebda dokumenti, la fis-*safe* jew *filing cabinet* li kien fil-kċina u l-anqas band'oħra, konsistenti f'*declarations of trust* li kienu juru li l-ishma f'*Egrant Inc.* kienu miżmuma minn *nominees* ta' Mossack Fonseca f'isem ta' jew għall-interess ta' Michelle Muscat. L-uniċi declarations of Trust li rriżultaw lil din l-inkjesta huma dawk li l-kopja tagħhom ġiet depożitata fl-atti tal-inkjesta minn Pierre Portelli flimkien ma dikjarazzjoni tiegħu (aktar l-isfel magħrufa bħala id-*declarations of trust*) u li saret riferenza għalihom minn Daphne Caruana Galizia fl-artikli tagħha, u minn Maria Efimova fix-xiehda tagħha.

3. Id-*declarations of trust* ġew analizzati minn *Forensic Document Analysts Keyforensic Services Limited* tar-Renju Unit għal darbtejn u nstab li l-firem ta' Jaqueline Alexander indikati fuqhom meta imqablin mal-firem ġenwini ta' Jaqueline Alexander ma kienux jaqblu. Jaqueline Alexander xehdet fl-atti tal-ittra rogatorja mibgħuta lill-Awtoritajiet tal-Panama u

kkonfermat li hija ma kienetx kitbet jew għamlet dawk id-*declarations of trust* u l-firem fuq dawk id-dokumenti ma kienux tagħha u b'hekk ma setgħetx tikkonferma l-kontenut tagħhom. Dawn id-*declarations of trust* għalhekk huma dokumenti foloz, magħmula minn xi ħadd li f'dan l-istadju għadu mhux magħruf. Fil-paragrafu 279 tar-relazzjoni tagħhom, il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* jirrimarkaw is-segwenti : -

> We have not found any digital versions of the Declarations of Trust you have been given which allegedly show that shares in Egrant Inc are held by Mossack Fonseca nominees for "Mrs Michelle Muscat". We understand that these were allegedly provided to Pilatus by Brian Tonna when it is alleged he opened a bank account for Egrant Inc. Their absence from the data sets of Nexia BT, Pilatus Bank and the Panama Papers would suggest that the Declarations of Trust you have been given were not created in either Pilatus or Nexia BT or by Mossack Fonseca.

4. Din l-inkjesta sabet ukoll li min iffalsifika dawn id-*declarations of trust* kellu aċċess għall-informazzjoni b'riferenza għal *Egrant Inc.,* Joseph Muscat u Michelle Muscat u Nexia BT, liema informazzjoni setgħat tinstab faċilment minn *open sources* fuq l-*internet,* u dettalji oħra dwar il-kumpaniji involuti setgħu ukoll jinstabu minn fuq il-*website* tal-*ICIJ* jew minn sorsi oħra bħal *Dato Capital* kif ukoll *Opencorporates.com,* nonche minn *Google searches* ta' diversi ġurnali Maltin u barranin.

5. Ġaladarba rriżulta soddisfaċentement li dawn id-*declarations of trust* kienu falsifikati, dawn ma jistax jitqiesu li jikkostitwixxu prova skont il-

Liġi. Il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* fil-paragrafu 277 jikkonkludu li :

> 1. We have found nothing in the digital data to suggest that Mrs Muscat, either personally or through companies she may own, had anything to do with Egrant.
> 2. We have not seen any documents revealing that the UBO of Egrant was anyone other than Brian Tonna.
> 3. There is also nothing to suggest that there was ever a bank account opened in the name of Egrant.

6. Apparti minn hekk ma nstabet ebda rabta dokumentarja stampata jew xiehda oħra li torbot lil Michelle Muscat mal-proprjeta tal-ishma tal-*Egrant Inc.* L-evidenza ċirkostanzjali mhix univoka; anzi hija ambigwa u mhux magħquda. F'paragrafu 288 tar-relazzjoni tagħhom il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* jgħidu li *the only documents within Pilatus Bank server that we have seen that contain the name of either Michelle Muscat or Egrant are digital downloads of newspaper reports and DCG blogs.* Dokumenti stampati oħra sekwestrati mill-Bank Pilatus juru l-istess ħaġa msemmija minn dawn il-*Forensic Accountants*. F'dan l-isfond probatorju ma jistax jitqies pruvat sal-grad li trid il-Liġi li s-sid aħħarija t'*Egrant Inc* kienet Michelle Muscat.

7. Ma rriżultax li ġew depożitati minn Brian Tonna fil-Bank Pilatus xi *declarations of trust* għall-kumpanija *Egrant Inc.* F'paragrafu 292 tar-relazzjoni tagħhom *Harbinson Forensics* jgħidu li *We have found no*

*documents which suggest that any declarations of trust in relation to any entity containing the word Egrant were provided to Pilatus by Brian Tonna or anyone else.* L-istess jista' jingħad għad-dokumenti stampati sekwestrati jew xiehda okulari oħra minn fejn ebda tali prova ma tirriżulta.

8. Ma rriżultax li fis-*safe* jew fil-*filing cabinet* li kien fil-kċina jew f'xi post ieħor fil-Bank Pilatus kien hemm xi *bank account opening forms* għal *Egrant Inc.*, għal Dr. Joseph Muscat jew għal martu Michelle Muscat jew membri tal-familja tagħhom.

9. Ma rriżultax li *Egrant Inc.* kellha kont bankarju miftuħ, magħluq jew pendenti mal-Bank Pilatus.

10. Ma nstabx li fil-Bank Pilatus jew tramite s-servizzi tal-istess Bank kien hemm transazzjonijiet bankarji li kienu jinvolvu lil *Egrant Inc* bħala benefiċjarju ta' ħlasijiet minn *Sahra FZCO* jew minn persuni oħra, inkluż mill-Ażerbajġan.

11. Ma rriżultax li Joseph Muscat jew Michelle Muscat jew membri tal-familja tagħhom kienu klijenti tal-Bank Pilatus jew li kellhom xi kont bankarju personali mal-Bank Pilatus. Irriżulta li Joseph Muscat u

Michelle Muscat kienu jafu lil u ġieli ltaqgħu ma Ali Sadr u kienu mistednin għat-tieġ tiegħu, li għalih attendew ukoll nies Maltin oħra.

12. Wieħed mill-aspetti li din l-inkjesta stħarġet hija l-allegazzjoni li fil-lejl tal-20 t'April 2017 Ali Sadr inqabad ħiereġ mill-bieb tal-ġenb tal-Bank Pilatus b'żewġ bagalji tqal mimlija dokumenti li huwa kien ħa bil-moħbi mill-Bank Pilatus u li huwa deher iġorr il-barra mill-Bank fil-filmati mxandra minn NET TV. Din l-inkjesta semgħet bil-ġurament lir-rappreżentant tal-linja tal-ajru Deutsche Lufthansa A.G. Dr. Andrew Chetcuti Ganado, li eżebixxa dokumenti li kienu juru li nhar l-20 t'April 2017 Ali Sadr kien fuq l-ajruplan mat-titjira 1276 minn Frankfurt lejn Malta, inkluż is-seat number li kien prenota taħt l-isem Sadr Hashemi Nejad Ali u kien ġie *boarded* fuq dik it-titjira lejn Malta. Huwa ġie rintraċċjat fuq is-*CCTV cameras* tal-MIA ħiereġ mill-ajruport għall-ħabta ta' 11:40am. L-inkjesta ġabret is-*CCTV footage* tal-Bank Pilatus għal-jum tal-20 t'April 2017. Minn dan is-*CCTV footage* Ali Sadr jidher dieħel fl-Uffiċju tal-Bank Pilatus għall-ħabta tas-12:45. Minn hemm il-quddiem l-inkjesta għandha u rat il-footage fejn jidher Ali Sadr il-ħin kollu li qatta' hemmhekk fil-Bank Pilatus sa' xid-21:15. Ġie reġistrat li huwa daħal fl-Uffiċju tal-Bank Pilatus bil-bagalji li dehru wkoll fil-filmat ta' NET TV meta ġie miġbud ħiereġ. Ali Sadr jidher jidħol fil-*Boardroom* u jitfa' l-bagalji warajh mal-ġenb. Jidher joħroġ *tablet, mobile phone,* xi karti u xi *stationery* minn din il-bagalja li l-parti ta' fuq nett tagħha baqgħet tidher

mis-*CCTV camera*. Jibqa jaħdem hemmhekk sa ma ħareġ f'xil-21:15. Matul dan il-ħin jidħru diversi impjegati deħlin u ħerġin, l-aktar fosthom Claude-Ann Sant Fournier. Għall-ħabta ta' xi 19:24 jiħdol Luis Felipe Rivera u jħallilu xi karta li Ali Sadr jitfagħha fil-ġenb u bil-kemm jagħti każha. Meta ġie biex joħroġ mill-Bank Pilatus, huwa daħħal fil-bagalja t-tablet u l-karti li kien ħareġ qabel u dik il-karta li deher li tah Rivera għalaq kollox u ħareġ il-barra. Minn dan is-*CCTV footage* jirriżulta li l-allegazzjoni li dakinhar tal-20 t'April 2017 fil-għaxija Ali Sadr klandestinament ħareġ kwantita kbira ta' dokumenti li kellhom x'jaqsmu mal-allegazzjonijiet li kienet qegħda tippubblika Daphne Caruana Galizia ma rriżultatx pruvata.

13. Dwar allegazzjoni oħra li fil-lejl tal-21 t'April 2017 kien hemm titjira minn Malta lejn Baku fl-Ażerbajġan li baqgħet sejra lejn Dubai, l-inkjesta sabet li verament kien hemm din it-titjira. L-inkjesta semgħet ix-xiehda ta' persuni li kienu involuti fl-organizzazjoni u eżekuzzjoni ta' din it-titjira, fosthom lil Nicholas van der Meer li huwa d-Diriġent tal-linja *VistaJet* kif ukoll dik ta' Ludwig Wright, pilota, nonche Kenneth Chircop minn *Malta Air Traffic Services* u Martin Dalmas mill-*Malta International Airport* fost l-oħrajn. Irriżulta li l-ajruplan in kwistjoni tal-*Vistajet* kien wasal Malta mill-ajruport ta' Ben Gurion, f'Israel fid-19 t'April 2017 b'żewġ persuni abbord u ma kellux titjira skedata. Biss fl-20 t'April 2017 għal 15:43 daħlet talba għal titjira minn Baku fl-Ażerbajġan għal Dubai.

Peress li dan l-ajruplan li kien jinsab fl-ajruport ta' Malta kien l-eqreb ajruplan li din il-kumpanija kellha lejn Baku, ġie assenjat biex imur l-Ażerbajġan mingħajr passiġġieri sabiex imbagħad minn hemm ikun jista' jwassal il-persuni li prenotaw it-titjira lejn Dubai. Dan jidher minn *email* li ġiet mibgħuta nhar 24th Awissu 2017 12:17 minn Rui Goncalves, *VistaJet Limited,* Malta lil Nick van der Meer. Jidher pero li l-ekwipaġġ ġie infurmat xi ftit fit-tard dwar din it-titjira li kienet sejra u kien jeħtieġ li titlaq kmieni fil-għodu tal-21 t'April 2017. Dan jikkonfermaw ukoll l-istess pilota meta xehed. Laħqu saru l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-ajruplan setgħa jitlaq minn Malta għal ħabta tat-03:30 – 04:00 tal-21 t'April 2017 lejn Baku, fl-Ażerbajġan u minn Baku dan jipproċedi lejn Dubai. Telaq fi 03:56 lejn Baku. Skont ix-xieħda tal-Pilota Ludwig Wright f'dik it-titjira li telqet minn Malta fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu tal-21 t'April 2017 bħala *positioning flight.* Ma kienx hemm passiġġieri jew *cargo* għajr ħlief l-ekwipaġġ u l-effetti personali tagħhom konsistenti fi suit case. Kienu tlett piloti u *flight attendant.* Qabel telqu l-ajruplan kien siġillat u msakkar. Matul dik it-titjira bejn Malta u Baku, il-bdot kellu wkoll l-*annual check* tiegħu u l-*instructor* kien Andre Pereira. Il-bdot l-ieħor kien Alexander Schmidt bħala *training captain. Flight attendant* kienet Melanie Primus.

Fid-dokumentazzjoni relattiva għal dawn it-titjiriet u li ġiet eżebita instabu xi diskrepanzi, fosthom fejn fit-tieni e*mail* mibgħuta lil Nick van

der Meer kien imniżżel li fuq it-titjira lejn Dubai kellu jkun hemm sitt passiġġieri mentri *f'email* oħra mibgħuta minn Rui Goncalves lil Nick van der Meer kien hemm formula meħmuża li kienet tgħid li dik it-titjira kellha ħames passiġġieri – erba' adulti u minuri. In-numri tal-passaporti bejn dawn iż-żewġt listi ma kienux jaqblu kollha. L-ismijiet tal-passiġġieri ma kienux jidhru li kienu xi ismijiet li l-inkwirenti ltaqgħu magħhom matul il-kors ta' din l-inkjesta. In definittiva, għalkemm id-data, lok, ħin, kuntest u diskrepanzi fid-dokumentazzjoni eżibita jistgħu jagħtu lok għal suspetti, ma ġiex pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li fit-titjira bejn Malta u Baku fl-Ażerbajġan kien hemm xi dokumenti li kienu marbuta mal-meritu ta' din l-inkjesta li ttieħdu minn Malta lejn l-Ażerbajġan u/jew mill-Ażerbajġan lejn Dubai.

14. Fid-dokumenti misjuba fil-Bank Pilatus kien hemm dokumenti li jindikaw min kienu l-klijenti tal-Bank Pilatus, inkluż min kienu l-*PEP* li kellhom kontijiet ma dan il-Bank. Dokument minnhom kien miktub minn Denica Cebova fis-27 ta' Jannar 2016 intitolat "*List of clients which KYCs are in the safe.xlsx*". Din il-lista kienet tinkludi kemm lil Keith Schembri (*#12 CIF reference 100931 Keith Schembri*) kif ukoll lil *Sahra FZCO* (*#19 CIF reference Sahra FZCO*). Ma nstabet ebda riferenza għal John Dalli f'din il-lista. Mill-banda l-oħra f'din il-lista ma kien hemm ebda riferenza għal *Egrant Inc.* jew għal persuni bil-kunjom Muscat. L-anqas kien hemm xi dokument ieħor fil-Bank Pilatus li kien jagħmel riferenza għal xi

*declarations of trust* għal *Egrant Inc* li kienu miżmuma f'tali *safe*. Din il-lista kienet miġbura u magħmula f'Jannar 2016 – u għalhekk qabel ma saru r-rivelazzjonijiet tal-*Panama Papers.*

15.Il-Bank Pilatus kellu dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma interessi ta' persuni Russi. Instabu diversi dokumenti u *emails* li kienu jirreferu għal *Russian corporate clients* u għal *PEP* Maltin. Instabet ukoll *spreadsheet* oħra *"xlsx 20160406 clients database.xlsx"* miktuba f'April 2016 fejn kemm John Dalli kif ukoll Keith Schembri kienu imsemmija bħala *Domestic PEP* Maltin. Ma kienx hemm riferenza għal Joseph Muscat jew Michelle Muscat jew għal *Egrant Inc.*

16.F'*excel sheet with customer details* mibgħuta minn Louis Zammit lil Claude Ann Sant Fournier nhar it-30 ta' Ġunju 2016 jirriżulta li kemm John Dalli kif ukoll Keith Schembri huma indikati bħala klijenti tal-Bank Pilatus. Il-kont ta' John Dalli kien jirriżulta magħluq u dawk ta' Keith Schembri kienu miftuħin. Ma kienx hemm riferenza għal Joseph Muscat jew Michelle Muscat jew għal *Egrant Inc.*

17.F'dawn id-dokumenti ma hemmx imsemmi li *Egrant Inc., Tillgate Inc.* jew *Hearnville Inc.* kienu klijenti tal-Bank Pilatus jew li kellhom kont miftuħ jew li sar tentattiv għal ftuħ ta' kont bankarju. Il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics,* fil-paragrafu 371 jgħidu li :

The Pilatus records searched do not show any bank accounts being opened, nor any discussion of the possibility of opening bank accounts at Pilatus for Egrant, Tillgate (UBO Keith Schembri) or Hearnville (UBO Konrad Mizzi).

18.John Dalli kien klijent tal-Bank Pilatus u kellu kont bankarju f'ismu personali li fil-mument tal-bidu inkjesta kien diġa magħluq. Il-kont ta' John Dalli ma kienx juri attivita' kbira u ma jirriżultax li John Dalli kien juża dan il-kont regolarment jew li kellu xi transazzjonijiet ma persuni mill-Ażerbajġan. It-transazzjonijiet li kien fih il-kont tiegħu kienu jikkonsistu fi ġbid ta' ammonti żgħar ta' flus u ħlasijiet ta' *overdraft fees, closure of account fees* eċċetra.

19.Keith Schembri kien klijent tal-Bank Pilatus u kellu żewġ kontijiet bankarji f'ismu personali. Il-*KYC* forms tiegħu kienu dettaljati (78 paġni). Ma nstabx li Keith Schembri kien juża dawn il-kontijiet tiegħu regolarment in kwantu kien hemm ftit transazzjonijiet mifruxa fuq ammont ta' żmien. L-*istatements* tal-kontijiet tal-bank tiegħu ma jurux li saru transazzjonijiet ma persuni mill-Ażerbajġan. Instabu transazzjonijiet mal-kumpanija *Willerby Trading Inc,* li pero huma suġġetti għall-inkjesta separata kondotta mill-Maġistrat Dottor Natasha Galea Sciberras in re *Willerby.* Tidher ukoll transazzjoni bankarja datata 16 t'Awissu 2016 minn fejn jirriżulta li Keith Schembri bagħat flus lil

*Crowe Howarth*, l-Awdituri f'Wellington, New Zealand li kienu dawk responsabbli mill-*Haast Trust* imwaqfa minnu fit-22 ta' Lulju 2015.

20.Ma nstabx li kien hemm kontijiet bankarji f'isem Konrad Mizzi jew membri tal-familja tiegħu fil-Bank Pilatus.

21.Ma rriżultax li kienet teżisti kumpanija bl-isem ta' *Al Sahra FZCO* u li kienet klijent tal-Bank Pilatus jew li kellha xi kont mal-Bank Pilatus. Għalhekk din il-kumpanija ma setgħetx tibgħat flus mill-Bank Pilatus lil *Egrant Inc* jew lil persuni oħra. Ma nstabet ebda riferenza għal *Egrant Inc* fis-sistemi bankarji tal-Bank Pilatus.

22.Jirriżulta li kien hemm żewġ kumpaniji reġistrati f'Dubai bl-isem ta' ***Sahra FZCO*** u ***Shams Al Sahra FZCO*** li kienu klijenti tal-Bank Pilatus u li kellhom kont bankarju miftuħ hemmhekk u kienu jagħmlu transazzjonijiet bankarji mill-Bank Pilatus barra minn Malta, inkluż f'Dubai. Iż-żewġ kumpaniji kienu jappartjenu lil persuni mill-Ażerbajġan u klassifikabbli bħala *Politically Exposed Persons.*

23.L-*UBO* ta' *Sahra FZCO* huma l-aħwa Leyla Aliyeva u Arzu Aliyeva, ulied il-President tal-Ażerbajġan Ilham Aliyev. L-*UBO* ta' *Shams Al Sahra FZCO* huma Nijat u Tale Heydarov, ulied il-*Minister of Emergency*

*Situations* tal-Ażerbajġan Kamaladdin Heydarov. Dawn il-kumpaniji jidher li hemm rabta bejniethom u l-firmatarji awtorizzati tat-tnejn li huma jirriżultaw Farnoush Farsiar u Robert Baker.

24. Jirriżulta li ħadd minn dawn il-kumpaniji ma għamlet trasferimenti jew ħlasijiet ta' flejjes mill-kontijiet tagħhom fil-Bank Pilatus lil *Egrant Inc.* la fil-Bank Pilatus u l-anqas f'xi kont f'Dubai kif imsemmi fl-artiklu.

25. Il-*payment instructions* għall-kumpanija *Sahra FZCO* kienu jingħataw minn Farnoush Farsiar u Robert Baker. Fil-Bank Pilatus ma rriżultat ebda *payment instruction* jew *payment transaction* minn *Sahra FZCO* lil *Egrant Inc.* mill-kont ta' *Sahra FZCO* lil *Egrant Inc* f'Dubai jew fil-Bank Pilatus.

26. Il-*Forensic Accountants* jaqblu li ma nstabet ebda transazzjoni ta' ħlas ta' US$1,017,000 mill-kont ta' *Sahra FZCO* lil *Egrant Inc* jew xi transazzjoni oħra bejn dawn iż-żewġt kumpaniji. Jaqblu wkoll li fil-perjodu imsemmi minn Daphne Caruana Galizia fl-artikli tagħha kien hemm transazzjonijiet ta' miljuni kbar ta' euro li saru minn *Sahra FZCO* mill-Bank Pilatus lejn Dubai. Pero dawn ma sarux lejn xi kont ta' *Egrant Inc.* jew *Tillgate Inc.* jew *Hearnville Inc.* mill-Bank Pilatus. *Harbinson Forensics* jgħidu li ma għandhomx evidenza li torbot lil persuni li rċevew dawn il-ħlasijiet mingħand *Sahra FZCO "to any onward payments to Michelle Muscat or to a company called Egrant"*.

27.Ma ġiet identifikata ebda transazzjoni minn *Al Sahra FZCO, Sahra FZCO,* jew *Shams Al Sahra FZCO* bid-deskrizzjoni ta' *loan payment* kif allegat fl-artiklu u minn Maria Efimova. L-anqas ma ġew misjuba transazzjonijiet deskritti bħala *loan payments* ta' madwar €100,000 kull wieħed magħmul darbtejn fil-ġimgħa maqsuma fuq diversi ġimgħat bejn Jannar u Marzu 2016. Il-*Forensic Accountants* sabu ħlasijiet ta' US$100,000 magħmula minn Ali Sadr lil kumpaniji jew persuni relatati miegħu. Ma nstabet ebda evidenza li saru xi pagamenti lil *Egrant Inc* mill-Bank Pilatus f'xi bank barra minn Malta. *Harbinson Forensics* jikkonkludu li *Pilatus Bank in Malta was of course significantly involved in international transfers. However we have not seen any evidence of any international movement of money in which Egrant is mentioned.*

28.Għalkemm sar tentattiv mill-inkjesta biex tinġieb informazzjoni jekk *Egrant Inc., Tillgate Inc. u Hearnville Inc.* kellhomx kont bankarju f'Dubai permezz t'ittra rogatorja mibgħuta lill-Awtoritatjiet tal-Emirati Għarab Magħquda, sal-jum tar-redazzjoni ta' dan il-*Proces Verbal,* ebda risposta ma kienet ingħatat u waslet lura mingħand dawn l-Awtoritajiet. Mill-banda l-oħra, il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* fil-paragrafu 327 jikkonfermaw illi :

> We have made enquiries through our international intelligence banking contacts to establish if a bank account in the name of the company Egrant

existed in Dubai. No Egrant company bank account has been found by these contacts.

29. Mir-risposta għall-ittri rogatorji mibgħuta mill-Awtoritajiet tal-Panama ma jirriżultax li *Egrant Inc* kellha xi kont bankarju miftuħ fil-Panama. Mill-evidenza miġbura mill-Banek f'Malta l-anqas jirriżulta li *Egrant Inc* kellha xi kont bankarju miftuħ f'Malta jew li kienet benefiċjarja ta' servizzi bankarji f'Malta, inkluż fil-Bank Pilatus.

30. Ma rriżultat ebda transazzjoni daqshekk kbira li l-*US Correspondence Bank* tal-Bank Pilatus waqqafha kif allegat fl-artiklu. Il-*Forensic Accountant Miroslava Milenovic* tgħid li *No documents, not even MT199, were found to proof these statements*. *Harbinson Forensics* mill-banda l-oħra jgħidu li :

> We would also note that over the period in question Pilatus was involved on an almost daily basis with a large number of multi-million dollar transactions and it therefore seems to us unlikely that a transaction of only USD 1 million would by its size alone raise any questions.

31. Irriżulta li Nexia BT kienu *corporate service providers* tal-Bank Pilatus u kellhom ukoll klijenti tagħhom li kellhom kontijiet mal-Bank Pilatus. Irriżulta wkoll li kien ikun hemm kuntatt professjonali bejn Nexia BT u l-Bank Pilatus fuq bażi regolari bit-telefon, bl-*email* u xi drabi anke viżiti personali minn Karl Cini jew Brian Tonna. Iżda ma rriżultax li Nexia BT jew xi impjegat minn tagħhom qatt kienu involuti f'xi waħda mit-

transazzjonijiet bankarji imsemmija fl-artiklu minn Daphne Caruana Galizia u dan peress li tali trasferimenti ma rriżutlawx li saru.

32. Irriżulta li Michael Satariano kien impjegat ta' Nexia BT bejn April 2015 u Mejju 2016 fil-kariga *t'Assistant Manager.* Huwa kien jipprepara proċeduri għal *corporate services* għal *BT International Limited.* Irriżulta li f'Marzu 2016 verament kien ċempel u bagħat *emails* ripetuti lil Maria Efimova minħabba li kien qiegħed isostni li l-proċeduri bankarji kienu qed jitwalu żżejjed – iżda dan kien episodju li ma kellu xejn x'jaqsam ma' *Egrant Inc* u kien jirrelata ma każ ta' klijenti Taljani ċerti Corrado u Fiore dwar il-kumpaniji *Privilege Limited* u *Exiat Holdings Limited.* Filwaqt li Daphne Caruana Galizia xehdet li Maria Efimova kienet qaltilha bid-dettalji tal-involviment ta' Michael Satariano kif deskritt minnha fl-artiklu de quo, mill-banda l-oħra Maria Efimova xehdet li dan ma kienx minnu u li għal darb'oħra Daphne Caruana Galizia kienet ħawdet dak li Efimova kienet qaltilha.

33. Ma rriżultax li Michael Satariano kellu x'jaqsam mal-inkorporazzjoni tal-kumpanija *Egrant Inc.* u dan peress li f'Lulju 2013 l-anqas biss kien għadu beda jaħdem ma Nexia BT. Ix-xogħol relatat mat-twaqqif ta' *Egrant Inc* kien ħa ħsieb iwetqu Karl Cini.

34. Ma jirriżultax li Michael Satariano kien involut fil-konsenja tal-*bank account opening forms* għal *Egrant Inc* u *Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* in kwantu ebda tali *bank account opening forms* ma rriżulta li ġew sottomessi lil Bank Pilatus. Michael Satariano jiddikjara li ma għamilx tali konsenja.

35. F'sensiela t'*emails* li dehru mill-14 ta' Marzu 2013 il-quddiem Karl Cini wera' l-interess għall-inkorporazzjoni ta' kumpanija waħda fil-Panama u *Trust* bis-servizzi ta' Mossack Fonseca. Il-*Forensic Accountants Harbinson Forensics* jirrimarkaw li ma nstabet ebda *email* mingħand Nexia BT jew Karl Cini minn fejn tirriżulta li wara din l-*email* kienet saret xi talba minnhom għat-twaqqif ta' tliet kumpaniji (eventwalment mixtrija bl-isem ta' *Egrant Inc., Tillgate Inc.* u *Hearnville Inc.*) – għajr ħlief għall-*purchase orders* li saru f'Lulju 2013 u Awissu 2013 iffirmati minn Brian Tonna.

36. Qabel dawn l-*order forms* ma nstabet ebda *email* jew dokument miktub li bih jidher li saret xi bidla fil-ħsieb ta' Nexia BT li minn kumpanija Panamense waħda u *Trust* dawn jiżdiedu għal tliet kumpaniji Panamensi. B'hekk mhux possibbli li jingħad li ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi rabta dokumentarja jew ċirkostanzjali univoka bejn l-intenzjoni ta' ftugh ta' kumpanija Panamense u *Trust* imsemmija fl-*emails* ta' Karl Cini datati Marzu 2013 mal-iżvilupp sussegwenti

t'inkorporazzjoni ta' tliet kumpaniji Panamensi li saret f'Lulju 2013 u li l-ordni u l-akkwist tagħhom ġie perfezjonat f'Awissu 2013.

37. L-anqas ma tirriżulta rabta dokumentarja jew ċirkostanzjali univoka li turi li l-*panama company* u *trust* oriġinalment mitluba minn Karl Cini fl-*email* tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 kienet intiża għal Joseph Muscat jew Michelle Muscat. L-aktar li l-provi juru li f'dak l-istadju t-tliet kumpaniji li jissemmew fl-*emails* ta' Marzu u April 2013 kienu l-kumpaniji *Colson, Selson u Lester* rikonduċibbli għal Keith Schembri, Adrian Hillman u Malcolm Scerri u x-xogħol relattiv li Karl Cini kien qiegħed jitlob lil Mossack Fonseca sabiex is-sidien aħħarija ta' dawn il-kumpaniji jiġu mibdula *b'nominees* għalihom minn Mossack Fonseca stess.

38. Minbarra dan kien hemm ukoll talbiet minn persuni oħra mhux relatati ma din l-inkjesta li fl-istess żmien wrew interess ma Karl Cini jew Nexia BT għal twaqqif ta' kumpanija fil-Panama u fil-*BVI*. *Egrant Inc, Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* ma kienux l-ewwel jew l-uniċi kumpaniji imwaqfa fuq talba ta' Nexia BT għax instab minn *Harbinson Forensics* li bejn Jannar 2011 u Lulju 2013 huma kienu waqfu diġa tminn kumpaniji oħra fil-*BVI*. Biss l-iskema ta' akkwist ta' tliet kumpaniji fil-Panama kienet għalhekk tiddipartixxi minn dik preċedenti li wriet preferenza għall-ġurisdizzjoni tal-*BVI*.

39.Jirriżulta pruvat li *Egrant Inc., Tillgate Inc.* u *Hearnville Inc* kienu kumpaniji bi struttura identika u li ġew imwaqfa f'Lulju 2013 u li Brian Tonna kien l-*UBO* tagħhom. *Egrant Inc* jirriżulta li ġiet stralċjata fuq talba ta' Brian Tonna. L-istralċ ġie konkluż madwar ħmistax il-jum qabel ma ġie publikat l-artiklu meritu għal din l-inkjesta.

40. Jirriżulta wkoll li wara Ġunju 2015 it-tliet kumpaniji *Egrant Inc, Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* qabdu perkors differenti in kwantu filwaqt li *Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* irriżulta li ġew akkwistati minn Keith Schembri u Konrad Mizzi u li f'Lulju 2015 dawn ikkostitwew ukoll it-*Trusts* Haast u Rotorua rispettivament u li magħhom dawn il-kumpaniji ġew imwaħda, ma rriżultax pruvat li ġiet krejata wkoll *Trust* simili għal *Egrant Inc.* Inoltre filwaqt li jirriżulta wkoll li minn Awissu 2015 il-quddiem Karl Cini għamel diversi sforzi ma Mossack Fonseca biex jinfetħu kontijiet bankarji għal *Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* barra minn Malta, filwaqt ebda tali tentattiv ma ġie pruvat li sar ukoll fil-konfront t' *Egrant Inc.*

Fl-evalwazzjoni ta' din l-inkjesta ix-xiehda ta' Daphne Caruana Galizia u dik ta' Maria Efimova ingħataw importanza kbira minn din l-inkjesta inkwantu huma l-pern tad-diversi allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru minn Daphne Caruana Galizia fl-artiklu tagħha. Biss din l-inkjesta sabet diffikulta kbira biex, fl-aktar aspetti importanti tirrikonċilja l-verżjonijiet mogħtija minn

Maria Efimova fuq naħa u Daphne Caruana Galizia u Pierre Portelli fuq oħra mal-kumplament tal-evidenza miġbura fuq xaqliba oħra.

Dan jagħmilha ferm diffiċli biex tiġi stabbilita l-verita storika dwar dak li seħħ mix-xiehda tagħhom. F'ċerti aspetti, anke kruċjali għal din l-inkjesta, hemm verżjonijiet tant kontrastanti li bilfors wieħed irid jieħu posizzjoni lil min jemmen u f'xiex jista' jemnu. Hemm diversi punti li Maria Efimova u Daphne Caruana Galizia ma bdewx jaqblu fuqhom kemm bejniethom kif ukoll separatament mal-kumplament tal-evidenza miġbura. Kemm Daphne Caruana Galizia kif ukoll Maria Efimova instabu li xehdu fuq diversi fatti li matul il-kors ta' din l-inkjesta irriżultaw minnhom. Iżda kien hemm aspetti oħra, kemm żgħar u marġinali, iżda agħar minn hekk, oħrajn li kienu importanti u kruċjali għal din l-inkjesta li rriżultaw jew inkompatibbli ma xulxin, jew kompletament meruti mill-provi miġbura.

Eżempju ta' wħud minn dawn ix-xiehda huma s-segwenti -

1. Daphne Caruana Galizia teskludi li fil-kċina tal-Bank Pilatus kien hemm *CCTV camera*. Maria Efimova tgħid li ma tiftakarx li kien hemm *camera* fil-kċina. Irriżulta li kien hemm *camera* fil-kċina bin-numru 13. Ma kienx hemm *camera* fil-kitchenette żgħira li kien hemm f'kantuniera, iżda kien hemm *camera* faċċata tagħha fil-kuridur li kienet taqbadha wkoll. Din il-kċina il-kbira għanda bieb estern laterali u jagħti għal fuq barra. Għalhekk iktar u iktar kien meħtieġ li jkun

hemm *CCTV camera* installata fiha. Fil-fatt diversi impjegati tal-Bank Pilatus jikkonfermaw li f'din il-kamra kien hemm *CCTV camera*.

2. Maria Efimova tgħid li ltaqgħet ma Daphne Caruana Galizia xi tliet jew erbgħa darbiet, bl-ewwel kuntatt isir f'Marzu 2017 fid-dar ta' Efimova. Fit-tieni xiehda tagħha Maria Efimova tgħid li l-intervista lil Caruana Galizia tagħthielha ftit wara l-Għid tal-2017. Fit-tielet xiehda tagħha tgħid li l-ewwel laqgħa li kellha ma Daphne Caruana Galizia kien f'Marzu 2017, jew ftit qabel jew ftit wara l-Għid – iżda –l-Għid fl-2017 ġie ċelebrat fis-16 t'April u mhux f'Marzu! Aktar minn hekk, fl-intervista pubblika li sussegwentement tat lil Carlo Bonini ta' *La Repubblica*, Maria Efimova stqarret li kienet iltaqgħet l-ewwel darba ma Daphne Caruana Galizia madwar sitt xhur wara li ġiet liċenzjata mill-Bank Pilatus – jiġifieri madwar Settembru jew Ottubru tal-2016.

3. Daphne Caruana Galizia tixhed li hi rat dawn id-*declarations of trust* mingħand Maria Efimova li kellha *scans/soft copies jiġifieri printouts* tagħhom. Daphne Caruana Galizia tgħid li Maria Efimova kienet qaltilha li kienet għamlet *scan* tad-*declarations of trust* u għamlet *upload* fil-*cloud* tagħha personali, iżda ma ħadithomx mis-*safe*. Pierre Portelli jaqbel ma Daphne Caruana Galizia fis-sens li jixhed li kien laħaq intiża ma Maria Efimova li ttih kopja tad-*declarations of trust* wara li hija tkun daħlet fil-*iCloud account* tagħha bil-*VPN*, iżda qal li spiċċat li dawn id-dokumenti qatt ma tagħthomlu. Biex tkun tista' tagħti kopja tad-

*declarations of trust* tramite l-*iCloud,* bilfors li tkun trid ottjenejt kopja diġitali tagħhom. U dan allura jfisser li Caruana Galizia u Pierre Portelli jaqblu ma xulxin li Maria Efimova kellha kopja ta' dawn id-*declarations of trust* u tal-*bank account opening forms* imsemmija minn Maria Efimova. Dan imur kontra u huwa bil-maqlub ta' dak li xehdet Maria Efimova fl-inkjesta.

4. Għalkemm fix-xiehda tas-27 t'April 2017, għall-mistoqsija tal-ġja Supretendent Abdilla jekk hija kienetx żammet kopja ta' dawn id-dokumenti li hija rat kopja tagħhom jew inkella kienux ġew mgħoddija kopji lilha mis-sors tagħha, Daphne Caruana Galizia kienet wieġbet *"għandi kopja iva"*; iżda fit-tieni xiehda tagħha fil-31 ta' Mejju 2017 Daphne Caruana Galizia wieġbet *Ehe, jien li xtaqt infisser li naf fejn qiegħdin mhux għandi fil-pussess tiegħi, u f'dak l-istadju ma' stajtx niċċara iżjed dwar il-whistleblower għax ħadd ma kien jafha, jiġifieri jien kelli aċċess għalihom imma ma kienux fil-pussess tiegħi, fil-fatt biex nagħmel it-transcript kelli bżonnhom.* Anke fit-tieni xiehda tagħha Caruana Galizia tibqa' tinsisti li Maria Efimova kellha l-kopji tad-*declarations of trust* fil-forma ta' *scans,* li hi kienet rat *printout* tagħhom u mhux *digital copy,* u kienet biss Maria Efimova li wriethomlha.

5. Imbagħad fl-artiklu pubblikat minn Daphne Caruana Galizia fis-13:18 tal-22 t'April 2017 *Point 1 : The safe in the kitchen. The documents were taken in March last year* Daphne Caruana Galizia tgħid li dawn id-dokumenti kienu meħuda *"taken"* mill-Bank Pilatus. Biss din kienet l-ewwel darba li xi ħadd semma' li dawn id-dokumenti kienu *"taken"* mill-Bank Pilatus.

6. Għalkemm Pierre Portelli ma jsemmix li huwa ingħata l-kopji tad-*declarations of trust* mingħand Maria Efimova, Daphne Caruana Galizia tgħid li l-persuna l-oħra li rathom mingħandha *"qaltli li* **ġabhom** *mingħandha"*. Fi kwalunkwe każ is-sors tad-*declarations of trust* kemm dawk li qalet li rat Daphne Caruana Galizia kemm dawk li ra' l-persuna l-oħra skont ma xehdet Daphne Caruana Galizia xorta waħda kienet Maria Efimova.

7. Maria Efimova pero tiċħad dan kollu u tgħid li kienet Daphne Caruana Galizia li wrietha d-*declarations of trust* u li staqsietha dwarhom u dwar il-*bank account opening forms* ta' *Egrant Inc* u *Sahra FZCO*. Maria Efimova tgħid li hi qatt ma ħadet kopji jew ritratti ta' dawn id-dokumenti mill-Bank Pilatus. Tgħid ukoll li Daphne Caruana Galizia qatt ma wrietha l-*bank account opening forms* u qatt ma qaltilha minn fejn kienet ġabet il-kopji tad-*declarations of trust* li Daphne Caruana

Galizia kienet urietha. Anzi fir-raba' xiehda tagħha Maria Efimova żżid li Daphne Caruana Galizia ma kienetx ġabet id-*declarations of trust* mingħandha ċjoe' l-eżatt oppost ta' dak li xehdet Daphne Caruana Galizia.

8. Daphne Caruana Galizia tikteb li d-*declarations of trust* li kienu datati f'Awissu 2015, kienu ġew depożitati fil-Bank Pilatus minn Brian Tonna. Iżda din l-istqarrija l-anqas Maria Efimova ma tgħidha u ħadd mill-impjegati tal-Bank Pilatus li kien jaħdem dak iż-żmien ma jikkonfermaha. L-anqas mill-*Panama Papers Cache* analizzat ma tirriżulta din l-informazzjoni. Wisq anqas mix-xiehda ta' Brian Tonna u Karl Cini. Biss it-tismija ta' din id-data kienet strateġika meta titqies il-korrispondenza skambjata bejn Karl Cini u Mossack Fonseca f'Awissu 2015 biex jinfetħu kontijiet bankarji għall-kumpaniji *Tillgate Inc* u *Hearnville Inc,* xahar wara li twaqfu *Haast Trust* u *Rotorua Trust* filwaqt li fir-rigward t'*Egrant Inc* ma jissemma' xejn fil-*Panama Papers Cache* analizzat u l-informazzjoni mis-*servers* u *computers* ta' Nexia BT f'dan ir-rigward.

9. Fir-raba deposizzjoni tagħha Maria Efimova qalet li kienet rat il-*bank account opening forms* ta' *Egrant Inc., Tillgate Inc.* u *Hearnville Inc.* f'Marzu 2016 u kienet rathom *f'batch* flimkien ma oħrajn *"because it was*

*a question about one account opening pending, so I was reviewing documents which in this like, painting batch. So I saw those forms as well between the other ones"*. Dawn il-*bank account opening forms* ma kienux fis-*safe*. Mill-banda l-oħra fil-Bank Pilatus ma nstab xejn li kien rikonduċibbli għal dawn il-kumpaniji u ħadd mill-impjegati tal-Bank Pilatus ma jsemmi li qatt ra dawn id-dokumenti. L-anqas fl-evidenza miġbura mingħand Nexia BT jew fil-*Panama Papers Cache* ma jissemma xejn dwar dan il-punt.

10. Daphne Caruana Galizia xehdet li Maria Efimova kienet fil-pussess ta' żewġ *bank account opening forms* ta' *Egrant Inc.* u *Al Sahra FZCO* u fuq domanda tal-ġja Supretendent Ian Joseph Abdilla wieġbet li Efimova kienet **urietha** il-*bank account opening form* ta' *Al Sahra*. Maria Efimova tiċħad dan u tgħid li hija rat il-*bank account opening form* ta' *Sahra FZCO* (u mhux *Al Sahra FZCO*) fil-Bank Pilatus iżda ma kellhiex kopja ta' dawn id-dokumenti.

11. Fl-ewwel xiehda tagħha mistoqsija dwar il-*bank account opening forms* tal-*Egrant Inc*, Maria Efimova semmiethom biss wara li kien ġie suġġerit lilha jekk fost il-*bank account opening forms* kienet rat ukoll dik tal-*Egrant Inc*, u wieġbet fl-affermattiv, għalkemm tgħid li ma tafx jekk kienx miftuħ jew le il-kont għal *Egrant Inc*.

12. Hu stramb kif Daphne Caruana Galizia tgħid li hija **rat** il-*bank account opening form* ta' Al Sahra FZCO, meta din il-kumpanija irriżultat lill-inkjesta li ma kienetx teżisti bħala *Al Sahra FZCO* u ma kienetx klijenta tal-Bank Pilatus. Aktar u aktar meta minn dak li xehdet Daphne Caruana Galizia stess kienet bdiet titħasseb dwarha għax ma bdiet issib xejn dwarha fir-riċerka li kienet qed tagħmel. Fit-tieni xiehda tagħha tal-31 ta' Mejju 2017 mistoqsija mill-Maġistrat Inkwirenti jekk kienetx rat xi ħaġa bil-miktub dwar dawn il-*bank account opening forms*, Daphne Caruana Galizia marret lura minn dak li kienet xehdet fis-27 t'April 2017 u qalet *"ma nistax naħlef imma ma nistax naħlef"* minkejja li fis-seduta preċedenti kienet ħalfet li rathom.

13. Daphne Caruana Galizia tgħid ukoll li kienet rat il-*bank account opening form* ta' *Egrant Inc* meta din ma rriżultat minn imkien fil-kotba u *records* stampati u diġitali tal-Bank Pilatus, jew l-evidenza l-oħra miġbura. Biss Daphne Caruana Galizia tgħid li kienet Maria Efimova li wriethomlha. Jekk Daphne Caruana Galizia titwemmen fuq dan il-punt ikun ifisser li Maria Efimova kienet fil-pussess ta' kopji ta' dawn id-dokumenti u kienet Efimova li setgħet twieġeb jekk dawn il-*bank account opening forms* li wriet lil Daphne Caruana Galizia kienux veri u

ġenwini jew le. Biss Maria Efimova tixhed li hi qatt ma ħadet kopji tagħhom u hi rathom biss fil-Bank Pilatus.

14. Maria Efimova tgħid li Pierre Portelli kien qiegħed jistaqsiha dwar il-*bank account opening forms* biex tgħaddilu dawn id-dokumenti u hi wieġbitu li ma kienux fil-pussess tagħha. Pierre Portelli jixhed li kemm Daphne Caruana Galizia kif ukoll Maria Efimova kienu qalulu li d-dokumenti kienu għaddewhom lil Maġistrat Inkwirenti meta fil-fatt dawn la qatt urew u wisq anqas ipproduċew dokumenti fl-atti tal-inkjesta!

15. Irriżulta li l-kumpanija *Al Sahra FZCO* ma kienetx reġistrata bħala klijent ta' dan il-Bank Pilatus. L-anqas instabet li kienet teżisti din il-kumpanija f'Dubai minn *open source search* kondott matul il-kors tal-inkjesta fis-sit relattiv f'Dubai. Mix-xiehda ta' Daphne Caruana Galizia kien stabbilit li anke hi kellha ċertu dubju dwar din il-kumpanija tant li kienet staqsiet lil Maria Efimova dwar *Al Sahra FZCO* u dan għaliex minn riċerki li kienet qegħda tagħmel Caruana Galizia minn fuq l-*internet* ma setgħetx issib riferenza għal *Al Sahra FZCO*. Caruana Galizia saħqet fix-xiehda tagħha li kienet Maria Efimova stess li assikurata li l-isem tal-kumpanija involuta fit-transazzjonijiet li

kienet qalet li rat ma *Egrant Inc* kienet *Al Sahra FZCO.* Mill-banda l-oħra meta xehdet fl-atti tal-inkjesta Maria Efimova ċaħdet li hija kienet tat dak l-isem Al Sahra FZCO lil Daphne Caruana Galizia għax hi kienet taf li l-kumpanija kien jisimha *Sahra FZCO.*

16. Daphne Caruana Galizia u Maria Efimova ma jaqblux l-anqas fuq l-aspett dwar jekk it-transazzjonijiet li kienu jsiru mill-Bank Pilatus kienux isiru bil-mezz tal-i *Swift.* Daphne Caruana Galizia tgħid li ma kienetx taf li saru *swift transfers,* iżda Efimova tisħaq li transazzjonijiet fid-Dollari Amerikani kienu jsiru bl-i *Swift.* Il-provi miġbura juru li l-Bank Pilatus kien iħaddem il-pjattaforma *Swift* tramite l-programm *TAS* għat-transazzjonijiet bankarji esterni tiegħu. *Swift* ma kienx jintuża għal trasferimenti interni fil-Bank Pilatus u kien jintuża għal trasferimenti esterni mill-Bank.

17. Dwar il-pagamenti bl-*iSwift* fir-raba xiehda tagħha Maria Efimova tgħid li ma kienetx tiftakar jekk kienux jibgħatulha *swift confirmations* bl-*email.* Tgħid ukoll li hi qatt ma rat *swift transfer documentation* peress li ma kienetx taħdem fl-*Operations Department.* L-aktar li kienet tara kien *payment instructions.* Louis Zammit mill-banda l-oħra jixhed li meta toħroġ l-i*Swift copy* kienu jibgħatuha lil Maria Efimova fil-*Front Office* u meta tkun bagħtitha Maria Efimova kienet ħafna drabi

ssegwiha Maria Efimova stess mal-klijent u imbgħat kienet tkun hi li tibgħathielu lil klijent!

18. Fir-rigward tal-allegata transazzjoni bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc* Maria Efimova l-ewwel tgħid li kienet semgħetha f'konversazzjoni bejn Ali Sadr u Brian Tonna, liema konversazzjoni kienet imqanqla. Mistoqsija dwar jekk kienetx rat xi transazzjonijiet, xi statements dwar pagamenti bejn *Sahra* u *Egrant*, kienet wieġbet *No, about Egrant I only remember this conversation they (I?) heard (had?)* – suppost bejn Brian Tonna u Ali Sadr. Aktar tard fix-xiehda tagħha tgħid li kienet semgħet il-konversazzjoni dwar dawn it-transazzjonijiet bejn Emilia Maria Vacaru u Mehmet Tasli. Fir-raba' deposizzjoni tagħha, Efimova tgħid li l-konversazzjoni li semgħet dwar it-transazzjonijiet bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc* kienet bejn Ali Sadr u Mehmet Tasli. Iżda hawnhekk tinqabad f'kontradizzjoni bejn dak li xehdet fl-ewwel deposizzjoni għal dak li qalet fir-raba' deposizzjoni. Fir-raba' desposizzjoni tgħid li kienet **rat** l-isem tal-benefiċjarju tat-transazzjoni: *Yes I'm sure that I* ***saw*** *the name of the beneficiary and it was Egrant Inc.* Biss fl-ewwel deposizzjoni tagħha, meta ġiet speċifikament mistoqsija dwar jekk kienetx rat xi transazzjonijiet, xi statements dwar pagamenti bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc,* kienet wieġbet *No, about Egrant I only remember this*

*conversation they (I?) heard (had?)* – li f'dak l-istadju suppost kienet saret bejn Brian Tonna u Ali Sadr.

19. Anke dwar ir-rwol ta' Michael Satariano hemm nuqqas ta' qbil bejn Daphne Caruana Galizia u Maria Efimova. Daphne Caruana Galizia tgħid li kienet Maria Efimova li qaltilha li l-impjegat tan-Nexia BT li kien segwa t-transazzjoni bankarja miljunarja fil-Bank Pilatus bejn *Al Sahra FZCO* u *Egrant Inc* u li ma għaddietx kien Michael Satariano, li kien dak li skontha iddepożita l-*bank account opening forms* għal *Egrant Inc* fil-Bank Pilatus. Satariano jiċħad li għamel dan. Iżda anke Maria Efimova tiċħad li kienet qalet din l-istorja fuq Michael Satariano lil Daphne Caruana Galizia u tgħid li Caruana Galizia kitbet hekk għaliex kienet reġgħet ħawdet dwar dak li kienet qaltilha.

20. Apparti minn hekk Daphne Caruana Galizia tgħid li l-informazzjoni li *Egrant Inc, Tillgate Inc* u *Hearnville Inc* kellhom kontijiet Bankarji mal-Bank Pilatus, kif ukoll l-istorja tas-self ta' Negarin Sadr u l-allegat pagament lil *Buttardi* kienet Maria Efimova stess li tagħthomlha. Ċie stabbilit li mill-*records* diġitali u stampati tal-Bank Pilatus u minn analiżi tad-data kontenut fil-*core-banking system* tal-istess Bank Pilatus (li l-integrita tiegħu kienet ġiet ġja ċertifikata mill-esperti tad-ditta *Oracle* li kienu l-arkitetti tal-*Flexcube* – il-*core-banking system* tal-Bank

Pilatus) analizzati miż-żewġ timijiet ta' *Forensic Accountants* ma kien hemm ebda kontijiet bankarji f'isem *Al Sahra FZCO* u *Egrant Inc* jew *Tillgate Inc* jew *Hearnville Inc* u li ma kien hemm ebda transazzjoni bankarja bejniethom li kienet għaddiet mis-sistemi tal-Bank Pilatus u l-anqas mill-kont eżistenti ta' *Sahra FZCO* jew dak ta' *Shams Al Sahra FZCO*. L-anqas irriżulta l-allegat pagament ta' US$400,000 mill-kont ta' Negarin Sadr sar lil Michelle Buttigieg ta' *Buttardi*.

21. Maria Efimova tgħid li *Tillgate Inc* u Brian Tonna personali kellhom kont mal-Bank Pilatus. Dawn ma rriżultawx fl-analiżi tal-evidenza meħuda mill-Bank Pilatus mill-*Forensic Accountants*.

22. Maria Efimova tgħid li d-*declarations of trust* li rat hi fil-Bank Pilatus kienu mingħajr *letterhead*. Dan jikkontrasta dak li kien ġie pubblikat minn Caruana Galizia fl-artiklu intitolat ***This is the text of the two declarations of trust which were in the kitchen-safe at Pilatus Bank*** nhar il-21 t'April 2017 fl-10:02pm, (li Caruana Galizia tgħid li rathom mingħand Maria Efimova), kif jikkuntrasta mal-kopji tad-*declarations of trust* li ddepożita Pierre Portelli fl-atti tal-inkjesta. Jirriżulta li l-kopji tad-*declarations of trust* depożitati minn Pierre Portelli kienu jaqblu f'kollox ma dak li semmiet Maria Efimova, inkluż il-kelma (*suscriptor*)

iżda kienu magħmula fuq *letter head* stampata tal-kumpaniji *Dubro Limited S.A.* u *Aliator S.A.* rispettivament.

23. Pierre Portelli jixhed li kemm Daphne Caruana Galizia kif ukoll Maria Efimova lilu kienu qalulu li dawn id-*declarations of trust* kienu ġew murija lill-Maġistrat Inkwirenti meta kienu xehdu. Iżda dan mhux minnu għax la Daphne Caruana Galizia u l-anqas Maria Efimova ma qatt urew lil Maġistrat Inkwirenti dawn id-dokumenti matul ix-xiehda tagħhom u wisq anqas iddepożitawhom fl-atti tal-inkjesta. Anzi Daphne Caruana Galizia qalet li dawn id-dokumenti uriethomlha Maria Efimova filwaqt li Maria Efimova qalet li hija qatt ma ħadet kopja tagħhom u li kienet Daphne Caruana Galizia li wriethomlha matul l-ewwel laqgħa li kellhom flimkien.

24. Maria Efimova ma tikkonfermax id-dettalji tal-pagamenti li semmiet Daphne Caruana Galizia fl-artikolu ***US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc.*** tal-20 t'April 2017 fil-4:41pm. Maria Efimova tgħid biss hekk – *"no by that time I wasn't paying attention on Egrant in particular. I saw transacting with Sahra but Sahra was transacting with other companies as well. So the surname caught my attention not the company"*. L-inkjesta konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-informazzjoni li Daphne Caruana Galizia

ippubblikat fl-artikolu ***US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc*** dwar l-allegati pagamenti magħmula minn *Sahra FZCO* lil *Egrant Inc* huma l-prodott ta' interpretazzjoni żbaljata ta' informazzjoni li rriżultat daqstant ieħor żgwidata ta' dawk it-transazzjonijiet li kienu meritu tal-*Compliance Report* tal-*FIAU* maħruġ lil Bank Pilatus f'Mejju 2016. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tax-xiehda tal-impjegati tal-*FIAU* f'żewġ episodji separati (marbuta ma proċeduri imnissla minn żewġ rikorsi separati – wieħed minn Pierre Portelli u l-ieħor minn Jonathan Ferris – kif irriżulta fil-parti li titratta dawn iż-żewġt rikorsi) kif ukoll mix-xiehda ta' Hamidreza Ghanbari u Luis Felipe Rivera, nonche l-analiżi tal-figuri magħmula mill-*Forensic Accountant Miroslava Milenovic.* Pierre Portelli wasal li jagħmel il-kollegament bejn il-"pressapoco *miljun*" hemmhekk imsemmi (li suppost ħarġu mill-kont ta' *Sahra FZCO)* mal-allegati ħlasijiet li suppost irċeviet *Egrant Inc* li kitbet dwarhom Daphne Caruana Galizia fuq naħa; u lil Jonathan Ferris sabiex jikkonkludi li dawn kienu l-pagamenti li qal li sab u li saru mill-kont ta' *Sahra FZCO* u li skontu tħalsu direttament lil Michelle Buttigieg ta' *Buttardi.* Kemm mix-xiehda tal-impjegati tal-Bank, nonche tal-Awdituri *KPMG,* u aktar importanti tal-*Forensic Accountant Miroslava Milenovic* ebda tali kollegamenti jew pagamenti ma jirriżultaw li saru. Il-pagamenti relattivi kienu spjegati u indikati fit-taqsima dwar

proċeduri speċjali u jirreltaw għal persuni oħra li ma humiex la *Egrant Inc* u l-anqas Michelle Buttigieg jew *Buttardi.*

25. Fir-raba' xiehda tagħha Maria Efimova ġiet mistoqsija jekk kienetx qatt semgħet xi konversazzjonijiet bejn kollegi tagħha dwar transazzjonijiet speċifiċi bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc*, tgħid li kienet semgħet lil Emilia Maria Vacaru li kienet tipproċessahom titkellem ma Mehmet Tasli dwarhom. Maria Efimova żiedet dawn id-dettalji fuq il-verżjoni li kienet tat xahar u nofs qabel, fejn ma kienetx semmithom. Kemm Maria Emilia Vacaru kif ukoll Mehmet Tasli ma jikkonfermawx dak li qalet Maria Efimova dwar din il-konversazzjoni.

26. Dwar l-allegati diffikultajiet biex jgħaddi l-allegat pagament miljunarju favur *Egrant Inc.* imsemmi minn Daphne Caruana Galizia fl-artiklu tagħha, fl-ewwel xiehda tagħha Maria Efimova bl-ebda mod ma torbtu mal-allegat pagament li skont Daphne Caruana Galizia sar minn *Al Sahra FZCO* lil *Egrant Inc.* Anzi Maria Efimova tgħid li hija ma kienetx tiftakar min kien il-benefiċjarju u ma kienetx taf jekk kienetx *Tillgate Inc.* Biss fir-raba' xiehda ta Maria Efimova imbagħad, meta ġiet mistoqsija fil-kuntest ta' dak li kienet qalet bħala li kien allegat trasferiment ta' flus bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc*, kif saret taf li kien hemm dik il-problema mal-*US Correspondent Bank,* Efimova

tgħid li Ali Sadr kien qiegħed iċempel ħafna drabi lil Tasli jew lil Ghanbari minn barra minn Malta.

27.Fl-ewwel xiehda tagħha Maria Efimova ma tgħidx li kien hemm transazzjonijiet bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc.* Anżi fir-rigward t'*Egrant Inc* mistoqsija jekk kienetx rat transazzjonijiet jew *statements* dwar pagamenti magħmula minn *Sahra FZCO* lil *Egrant Inc.*, Efimova twieġeb li le għax dwar *Egrant Inc.* kienet tiftakar biss il-konversazzjoni li qalet li semgħet bejn Brian Tonna u Ali Sadr. Anzi tgħid aktar il-quddiem li t-transazzjonijiet li rat minn *Sahra FZCO* kienu saru ma *Tillgate Inc.* fil-kont li qalet li *Tillgate Inc.* kellha f'Dubai u t-transazzjonijiet kienu saru f'valuta Sterlina u kienu saru wara li kien sar self minn *Sahra FZCO* lil *Tillgate Inc.* Ma kienetx ċara dwar jekk il-problemi mal-*US Correspondence Bank* kienx dovut għal din l-allegata transazzjoni bejn *Sahra FZCO* u *Tillgate Inc.* Għalkemm aktar tard, kif intwera' aktar il-fuq dawn il-problemi ikkollegathom mal-allegat trasferiment bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc.*

28.Fir-raba' xiehda tagħha Maria Efimova tgħid li kienet **rat** il-*payment instructions* bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc.* Anzi żżid li l-allegati problemi mal-*US Correspondence Bank* kienu fil-kuntest ta' din it-

transazzjoni li semmiet bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc.* F'din ir-raba' xiehda tagħha żżid ukoll li hija ġiet konxja li l-problemi fil-pagament kienu relattivi għal din it-transazzjoni bejn *Sahra FZCO* u *Egrant Inc* mhux minn konversazzjoni li kien hemm bejn Ali Sadr u Hamidreza Ghanbari (għax il-konversazzjoni telefonika kienet bl-Ingliż u mhux bil-Farsi – l-lingwa li kienu jitkelmu biha normalment Ali Sadr u Hamidreza Ghanbari bejniethom) u għalhekk il-konversazzjoni kienet bejn Ali Sadr u Mehmet Tasli. Kemm mix-xhieda tal-Awdituri *KPMG* kif ukoll mir-relazzjoni tal-*Forensic Accountants* dawn it-transazzjonijiet diretti mill-Bank Pilatus bejn *Sahra FZCO* u *Tillgate Inc.* jew *Egrant Inc.* ma rriżultawx li saru mill-Bank Pilatus.

29.Maria Efimova tgħid li hi kienet tiftakar li kien hemm transazzjonijiet bejn *Sahra FZCO* u *Tillgate Inc.* fis-sens li kien hemm *loan* li permezz tagħha *Sahra FZCO* kienet tħallas lil *Tillgate Inc.* fi transazzjoni diretta mill-Bank Pilatus fi Frar jew Marzu 2016 u kien hemm involviment tal-*Correspondence Bank* ukoll bl-użu ta' *Swift*. Fl-ipproċessar ta' dan il-*loan* kienet involuta Denica Cebova. Maria Efimova tgħid ukoll li Denica Cebova kienet bagħtitlha messaġġ dwar xi *loan* li ma kienx iffirmat bejn *Hearnville* u *Tillgate* u kumpanija oħra, iżda t-transazzjoni kienet għaddiet u l-messaġġ marret turih lil Claude-Ann Sant Fournier; iżda l-kumpanija li kienet *transacting* ma *Hearneville Inc.* ma kienetx *Sahra*

*FZCO,* iżda xi kumpanija oħra. Denica Cebova tixhed li ma tafx dwarhom dawn il-*loan agreements* li semmiet Efimova. Dan is-self u t-transazzjonijiet allegati minn Maria Efimova ma rriżultawx mir-*records* stampati u diġitali bankarji tal-Bank Pilatus analizzati kemm minn *KPMG* u kif ukoll u aktar rilevanti għal din l-inkjesta mill-*Forensic Accountants.*

30. Maria Efimova tgħid li kienet rat il-*bank account opening form* ta' *Sahra FZCO* minn fejn kien jirriżulta li l-*UBO* kienet Leyla Aliyeva u li kienet waħedha. Anke hawn jirriżultaw żewġ anomaliji fix-xiehda tagħha għax (a) dan kien jikkontrasta dak li qalet Daphne Caruana Galizia meta qalet li Efimova wrietha l-*bank account opening form* ta' ***Al*** *Sahra FZCO* u mhux *Sahra FZCO* (b) Irriżulta lill-inkjesta li l-*UBO* ta' *Sahra FZCO* ma kienetx Leyla Aliyeva waħedha kif tgħid Maria Efimova iżda l-*UBO* kienu tnejn – Leyla Aliyeva flimkien m'oħtha Arzu Aliyeva.

31. Dwar is-self ta' Negarin Sadr, Maria Efimova qalet li dan kien self għan-negozju tal-moda ta' Negarin Sadr fl-ammont ta' madwar miljun dollaru Amerikan u li skont il-*business plan* kienet ser tkun *cooperating with one brand for jewellery.* Dan is-self ġie *credited to her account ... in Pilatus Bank.* Pero daħlu struzzjonijiet oħrajn u US$400,000 minnhom

tħalsu lil mara Maltija li toqgħod l-Amerika u li kellha *brand name* jixbah lil *Trussardi - Bruttardi* jew *Badrtardi* xi ħaġa hekk, tgħid. Hi u Emilia Maria Vacaru qagħdu jiċċajtaw bl-isem. Irriżulta lill-inkjesta li verament Negarin Sadr kienet isselfet miljun u ħames mitt elf Dollaru Amerikan u dan is-self kien ġie pproċessat fi żmien qasir ħafna fit-2 ta' Frar 2016; iżda l-ammont kien ġie mħallas għax-xiri ta' 12,375% *interest* fi *"SMT Pistacho Ranch and Management LLC"* rikonduċibbli lil Mohsen Torabi u mħallas direttament fil-kont tiegħu fl-Amerika fil-Bank Wells Fargo. Emilia Maria Vacaru wkoll ma tikkonfermax li qagħdu jiżżufjettaw bl-isem *Buttardi.* Dan minbarra ċ-ċaħda ta' Michelle Buttigieg dwar xi konoxxenza ta' Negarin Sadr, negozju ma Negarin Sadr jew li rċeviet xi flejjes mingħandha.

32. Maria Efimova ssemmi wkoll li kienet involuta fl-ipproċessar ta' transazzjoni li kienet tinvolvi pagament ta' madwar ħames miljun lira sterlina depożitu li tħalsu mill-*Willerby Trading Inc.* (Brian Tonna) għal xi *mansion house* f'Londra li ried jixtri. Tgħid li kienet Emilia Maria Vacaru li talbitha tieħu din il-*payment instruction* lill-*Operations Department* biex tiġi proċessata. Emilia Maria Vacaru ma tiftakarx din it-transazzjoni u mill-analiżi magħmula mill-*Forensic Accountant Miroslava Milenovic* ma tirriżulta ebda tali transazzjoni fil-kotba jew *records* bankarji stampati jew diġitali tal-Bank Pilatus.

Id-dettalji dwar l-*Egrant Inc* u l-allegati transazzjonijiet finanzjarji li forniet Maria Efimova lill-inkjesta u li allegatament kellhom x'jaqsmu mal-proprjeta ta' Michelle Muscat tal-ishma aħħarija t' *Egrant Inc* u mal-allegati trasferimenti ta' flejjes mill-kont bankarju fil-Bank Pilatus tal-kumpanija *Sahra FZCO* proprjeta ta' *PEP* mill-Ażerbajġan lil *Egrant Inc* f'Dubai ma kienux jaqblu mar-riżultanzi fattwali u tekniċi li ingħataw minnha lill-inkjesta. L-anqas ma kienu jaqblu ma diversi aspetti ta' dak li Daphne Caruana Galizia xehdet li kienet qaltilha Maria Efimova meta dan jiġi mqabbel ma dak li xehdet dwaru Maria Efimova fl-atti ta' din l-inkjesta.

Mill-artiklu u mill-kitbiet ta' Daphne Caruana Galizia analizzati jirriżulta li hija kienet qegħda temmen dak li tgħid li qaltilha Maria Efimova. Anzi jista' jkun ukoll li Daphne Caruana Galizia riedet temmen dak li tgħid li qaltilha Maria Efimova. Saħansitra tiddefendi dak li tgħid li kienet qaltilha Maria Efimova – minkejja li, kif intwera', f'diversi aspetti relattivi għall-allegazzjonijiet l-aktar kruċjali għal din l-inkjesta, ix-xiehda ta' Maria Efimova u dik ta' Daphne Caruana Galizia (u sa' ċertu punt lil Pierre Portelli) ma qablux ma xulxin u f'ċerti dettalji huma bil-maqlub ta' xulxin.

Biss hemm punt li Daphne Caruana Galizia u Pierre Portelli jaqblu dwaru – u ċjoe li Maria Efimova kienet qaltilhom li kellha l-kopja tad-*declarations of trust* u l-*bank account opening forms* li kellha aċċess għalihom għax maħżuna fil-*cloud account* tagħha. Dan Maria Efimova tiċħdu kompletament.

Mill-banda l-oħra hemm partijiet mix-xiehda ta' Maria Efimova li ġew konfermati bħala veri u korretti. Dan jidher l-aktar f'dawk id-dettalji li Maria Efimova riedet tiġbed l-attenzjoni dwar ċerti attivitajiet li hija kien jidhrilha li ma kienux f'lokhom. Per eżempju fix-xiehda tagħha hija ssemmi l-isem tal-kumpanija "Straturk" u l-kuntest t'interessi Torok t'Ali Sadr u l-konnessjonijiet passati tiegħu f'kuntest fejn ma kellu x'jaqsam xejn mal-allegazzjonijiet li kienet għamlet dwar l-*Egrant Inc.* u fi żmien fejn ħadd ma kien għadu jaf bir-raġuni għaliex semmiet l-isem ta' din il-kumpanija u l-konnessjonijiet l-oħra t'Ali Sadr. L-istess għamlet fir-rigward tal-operat ta' *Sahra FZCO.*

Ġie pruvat ukoll li Maria Efimova kienet suġġetta għal proċeduri kriminali f'Malta miftuħa kontriha fuq istanza tal-Bank Pilatus. Maria Efimova kellha *un conto in sospeso* ma' Ali Sadr u rnexxielha tiġbed l-attenzjoni internazzjonali dwar l-operat ta' Ali Sadr u l-Bank Pilatus fi żmien meta ħadd ma kien jaf li Ali Sadr kien qiegħed jiġi mistħarreġ mill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti għal ksur ta' sanzjonijiet imposti minn dak il-pajjiż. Mill-

banda l-oħra ħareġ ukoll li hija kellha element ta' riżentiment ukoll għall-mod kif tħossha li ġiet trattata mill-Awtoritajiet Maltin minħabba l-proċeduri kriminali miftuħa kontriha, kif issemma' aktar il-fuq – inkluż il-fatt li Joseph Muscat ma għamel xejn meta għamlet ilment lilu dwar il-fatt li ma kellhiex il-passaport f'idejha biex tkun tista żżur lil ommha.

Biss l-allegazzjonijiet tagħha kwantu jolqtu l-meritu tal-inkjesta *Egrant Inc* ma nstabux li huma msejsa fuq il-provi: la tax-xiehda okulari u l-anqas dawk dokumentarji - la fil-Bank Pilatus, la għand in-Nexia BT, la għand il-Mossack Fonseca u mingħand ebda ħadd mill-impjegati jew Awdituri jew aġenti tagħhom.

Mill-banda l-oħra, l-evidenza ċirkostanzjali analizzata fil-kors ta' din l-inkjesta, dettaljatament spjegata aktar il-fuq, wara li ġiet eżaminata b'attenzjoni u ċirkospezzjoni kbira[179] u analizzata b'mod li tara jekk permezz tagħha jistax jiġi stabbilit irbit bejn l-allegat reat jew fatt kommess u l-persuna inkriminanda jew li allegatament ikkommettietu, (u ħadd iktar ħliefhom) ma tistax titqies li hija univoka (u mhux ekwivoka jew saħansitra

[179] *if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another.*

ambigwa)[180] u magħquda *"bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni."*[181]

Mitt suspett flimkien ma jsawrux prova waħda.

[180] *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*

[181] Ghal dawn il-kwotazzjonijiet ara s-sentenza *Il-Pulizija vs Berrad* aktar il-fuq ċitata.

## Egħluq – Konklużjoni b'riferenza għar-rapport tal-Kummissarju tal-Pulizija

Għaldaqstant fuq dan ir-rapport tal-20 t'April 2017, mill-provi estensivi diretti u indiretti miġbura kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, kif preservati fl-atti ta' din l-inkjesta, eżaminati mill-esperti tekniċi u analizzati mill-Maġistrat Inkwirenti, din l-inkjesta tikkonkludi, sal grad li trid il-Liġi, li: -

**1. Ma nstabx li l-ishma fil-kumpanija *Egrant Inc* kienu jappartjenu lil Michelle Muscat jew li kienu rikonduċibbli lilha jew lil żewġha Dr. Joseph Muscat, jew lil membri tal-familja tagħhom;**

**2. Ma nstabx li Dr. Joseph Muscat, Michelle Muscat, Keith Schembri, Konrad Mizzi jew John Dalli setgħu kienu involuti f'korruzzjoni u/jew ħasil ta' flus u/jew transazzjonijiet finanzjarji suspetti provenjenti minn kontijiet ta' *Politically-Exposed Persons* mill-Ażerbajġan, u dan tramite kontijiet fil-Bank Pilatus u dan kemm skont kif allegat minn Daphne Caruana Galizia fl-artiklu *Declarations of trust in Pilatus Bank safe: Egrant Inc shares held far Michelle Muscat* tal-20 t'April 2017 fis-7:59pm kif ukoll f'dak pubblikat qabel fl-istess jum minn Daphne Caruana Galizia intitolat *US$1.017 million in single transaction from Azerbaijan-owned company to Egrant Inc. fil-4:41pm.***